MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-21 ta' Dicembru, 2014

Numru. 1276/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Darren Buhagiar)**

**vs**

**Mohamed Maguella**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Mohamed Maguella ta’ 33 sena, bin Rabeh u Fatima, imwieled Algerija fis-16 ta’ Marzu, 1981, jirrisjedi l-Algerija u detentur ta’ Passaport Algerin numru 6096346.

Akkuzat talli fil-21 ta’ Dicembru 2014 u fil-jiem ta’ qabel f’ dawn il-gzejjer u fi bnadi ohra ffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f’ dokumenti jew kellu fil-pussess tieghu xi dokumenti li hu kien jaf li gew iffalsifikati, imbidlin jew sar xi tibdil fihom u cioe’ kellu fil-pussess tieghu karta tal-identita Franciza falza bin-numru 079765677646 mahruga f’ isem Mohamed Maguella (Kap. 61, Art. 5 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Akkuzat ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat, fid-dokument fuq imsemmi (Kap. 9. Art. 189 tal-Ligijiet ta’ Malta)

Akkuzat ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ffalsifika xi dokument jew kopja vera ta’ dokument jew registrazzjonijiet maghmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217, Art. 32(ad) tal-Ligijiet ta’ Malta)

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 21 ta’ Dicembru 2014 (esebit a fol. 15 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar il-21 ta’ Dicembru, 2014 ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’ mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u li kkopera fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 5 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikolu 189 tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 32(1)(d) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti ssib lil imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah tmintax (18) –il xahar prigunerija li b’ applikazzjoni tal-Art. 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta’ sentejn (2) millum.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------